MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Numru. 215/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Nikolai Sant**

**vs**

**Quillan Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Quillan Borg ta' 16-il sena, iben Emanuel u Dolores nee' Refalo, mwieled il-Pieta' nhar id-19 ta' Novembru 1993 u residenti gewwa No:- 35, Triq San Guzepp, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 0533993(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-14 ta' Frar, 2010 ghall-habta ta' 2.00hrs gewwa San Giljan ;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clive Galea, permezz ta' arma irregolari (flixkun tal-hgieg) skond kif iccertifikaw Dr. Robert Patiniott Reg.No. 1860 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u Dr. Edith Vassallo M.D. Reg. No :- 5202 ta' l-Isptar Mater Dei.

2. Kiser il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Marzu, 2010 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat ir-rapport tal-espert mediku minnha nominat.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet gewwa Triq San Gorg, Paceville, fl-14 ta' Frar, 2010 ghall-habta tas-2.00am fejn spicca sabiex sofra griehi ta' natura gravi Clive Galea. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta li nqala' argument bejn l-imputat u zewg guvintur li kienu mieghu min-naha l-wahda li kienu Ryan Mifsud u Matthew Cassar u grupp ta' zghazagh ohrajn. L-unika xhud okulari u ndipendenti li xehed f'dawn il-proceduri kien PS 928 Ramon Mifsud Grech[1] li qal li waqt

[1] Li xehed waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2010 u waqt dik tas-6 t'Ottubru, 2011.

li huwa kien duty Paceville gie nfurmat li kien hemm glieda fi Triq San Gorg bejn diversi nies u huwa li kien vicin hafna, madwar mitejn metru l-boghod, mar jigri fejn kienet qed isehh il-glieda u jghid li ra kommozzjoni kbira b'diversi flixken jitwaddbu u ra lill-imputat Quillan Borg jitfa' fllixkun fid-direzzjoni ta' zghazagh ohrajn. Huwa kompla jghid li ra l-flixkun jinkiser ma vettura li kien hemm ipparkjata u qal li huwa ghalhekk mal-ewwel proceda sabiex jarresta lill-imputat. Dan ix-xhud izda qal ukoll li kien arresta lill-allegat vittma Clive Galea u ma kienx induna mal-ewwel li dan tal-ahhar kellu feriti izda li nduna biss fil-vann tal-Pulizija fejn imbaghad baghat lil Galea immedjatament sabiex jiehu l-kura.

Clive Galea meta xehed f'dawn il-proceduri[2] qal li huwa kien Paceville flimkien ma shabu u mat-tfajla tieghu Melissa Pugliesevich u meta hu u t-tfajla kienu hergin minn Paceville raw kommozzjoni fejn diversi zghazagh kienu qed jiggieldu u waqt li kienu ghaddejjin minn hdejhom raw lill-imputat iwaddab flixkun lejn vettura u Galea jghid li ntlaqat bil-hgieg li tar meta nkiser il-flixkun. Melissa Pugliesevich li xehdet waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2010 ikkorroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Clive Galea.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 16 sa 18 kif ukoll meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 t'Ottubru, 2011 qal li huwa kien ghaddej flimkien ma shabu Ryan Mifsud u Matthew Cassar fi Triq San Gorg, Paceville meta raw tfajla fis-sakkra qed targumenta ma guvni iehor bil-kliem u meta huma harsu lejn din it-tfajla f'daqqa wahda daruhom madwar sitta jew sebgha min-nies, wiehed minnhom ta daqqa ta' ponn lill-imputat imbaghad ilkoll bdew isawtuhom. L-imputat jghid li huwa prova jiddefendi ruhu u meta ra tnejn minn dawn in-nies regghu gejjin ghalih qabad flixkun tal-hgieg li kien hemm mal-art u sabiex

[2] Huwa xehed waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2010 in ezami u in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-6 t'Ottubru, 2011.

ibezzaghhom tefghu lejn hajt izda dan habat mal-bull bar ta’ vettura li kien hemm parkeggjata u nkiser. Huwa qal li l-parti leza Clive Galea kien wiehed minn dawn il-guvintur li daru ghalihom u mieghu kien hemm ukoll guvni li wara sar jaf li kien kuginuh. Kemm Ryan Mifsud[3] kif ukoll Matthew Cassar[4] it-tnejn ikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u t-tnejn identifikaw lil Clive Galea bhala wiehed mill-guvintur li daru ghalihom.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b’zewg imputazzjonijiet, b’dik l-aktar gravi tkun li huwa volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Clive Galea u bl-imputazzjoni l-anqas gravi tkun li kiser il-paci pubblika u l-buon ordni b’ghajjat u glied. Kif jirrizulta mill-paragrafi precedenti l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet pjuttost konfliggenti dwar kif graw l-affarijiet. Min-naha l-wahda hemm il-verzjoni moghtija mill-allegat vittma Clive Galea li jipprova jaghti l-impressjoni li huwa kien ghaddej ghall-affari tieghu u li bl-ebda mod ma kien involut fil- glieda u spicca sabiex intlaqat mill-hgieg tal-flixkun li l-imputat tefa’ lejn vettura parkeggjata. L-imputat u shabu min-naha l-ohra jsostnu li huma gew agrediti u agew biss sabiex jiddefendu lilhom infushom. L-imputat inoltre jghid li huwa tefa’ l-flixkun sabiex ibezza u mhux ghaliex ried iwegga lil xi hadd u fil-fatt huwa tefghu fid-direzzjoni tal-hajt u mhux lejn xi hadd. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agixxa in legittima difesa u li fil-mument li tefa’ l-flixkun huwa ried biss ibezza u ma kellu ntenzjoni iwegga lil hadd. Il-Qorti jidrilha li dak li qal l-imputat apparti li huwa korroborat minn shabu Ryan Mifsud u Matthew Cassar huwa wkoll korroborat mix-xhieda ta’ PS 928 Ramon Mifsud Grech ghaliex ghalkemm dan jghid li qabad lill-imputat fil-fatt qed jitfa’ l-flixkun huwa jghid ukoll li l-flixkun inkiser mal-vettura u li kien hemm kommozzjoni kbira b’diversi nies jiggieldu u li huwa ra lil Clive Galea jistahba wara l-vettura li maghha nkiser il-flixkun. Dan

[3] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta’ Jananr, 2011.
[4] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta Novembru, 2010 kif ukoll waqt l-udjenza tal-20 ta’ Jannar, 2011.

jindika li ma jistghax ikun li l-affarijiet svolgew kif qed isostni Clive Galea u cioe' li huwa bl-ebda mod ma kien involut fil-glieda u li nzerta ghaddej minn hemm u ntlaqat bil-hgieg tal-flixkun li nkiser mal-vettura parkeggjata ghaliex altrimenti ma kien ikun hemm l-ebda raguni il-ghala huwa kellu jinstab wara l-vettura jistahba fil-mument li twaddab il-flixkun. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-griehi li kellu Galea fil-fatt gew kagunati mill-hgieg tal-flixkun wara li dan tkisser mal-vettura parkeggjata. Dan jinghad ghaliex mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri jirrizulta li l-griehi li kellu Galea kienu rizultat ta' blunt trauma u ghalhekk ma setghux gew kagunati minn hgieg imkisser izda huma aktar kompatibbli ma daqqa ta' ponn. Mill-provi inoltre ma rrizultax li nstabu xi tracci ta' hgieg miksur fuq Galea fil-mument li huwa gie arrestat mill-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoniijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------